

Brussell, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13668/25

COPS 482
EUMC 359
POLMIL 294
MAMA 234
MOG 116
COAFR 253
ASPIDES 30
CFSP/PESC 1427
CSDP/PSDC 598
PSC DEC 46
ATALANTA 39
CSC 497
RELEX 1262

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id Deċiżjoni (PESK) 2025/1224 (EUNAVFOR ASPIDES/4/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...

ta'...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea
biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni
b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar
(EUNAVFOR ASPIDES)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1224
(EUNAVFOR ASPIDES/4/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni militari ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

¹ ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj>.

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, li stabbiliet operazzjoni militari ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).
- (2) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (3) Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1224², li ħatret il-Kontrammirall Andrea QUONDAMATTEO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE mill-1 ta' Lulju 2025.
- (4) Fis-26 ta' Settembru 2025, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Michail LAMPIRIS biex jieħu post il-Kontrammirall Andrea QUONDAMATTEO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (il-"ħatra proposta").
- (5) Fit-30 ta' Settembru 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE EUNAVFOR ASPIDES appoġġa l-ħatra proposta mis-6 ta' Novembru 2025.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/1224 tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/199 (EUNAVFOR ASPIDES/3/2025) (ĠU L, 2025/1224, 19.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1224/oj>).

- (6) Fit-2 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Michail LAMPIRIS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Michail LAMPIRIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1224 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Michail LAMPIRIS huwa maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) mis-6 ta' Novembru 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1224 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2025.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà

Il-President
